# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **3 TA' SETTEMBRU 2017**

## Ġabra speċjali
Illum se ssir il-ġabra speċjali għall-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom tkunu ġenerużi. Nirringrazzjawkom mill-qalb.

## Magħmudija Komunitarja
Is-Sibt 2 ta' Settembru 2017 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fis-6:30pm.

## Jum Wied il-Għajn 2017
Il-Ħadd 3 ta' Settembru 2017 huwa Jum Wied il-Għajn. Fid-9:15am quddiesa u wara l-quddiesa ikollna t-tberik tal-annimali quddiem il-knisja.

## Kunsill Pastorali Parrokkjali
It-Tnejn 4 ta' Settembru 2017 fis-7:15pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

## Kummissjoni Djakonija
It-Tlieta 5 ta' Settembru 2017 fid-9:00am tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fis-Sala Sant'Anna.

## 70 Sena mill-wasla tal-istatwa ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn
L-Erbgħa 6 ta' Settembru 2017, hija l-ġurnata li sebgħin sena ilu waslet l-istatwa ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna. Flimkien ejjew infakkru din il-ġurnata għażiża billi nieħdu sehem fil-quddiesa tas-6:30pm li għaliha mistiedna speċjali huma dawk li jiftakru din il-miġja sabiħa. Wara Lejla Maltija fuq is-simenta. Biljetti mis-sagristija jew mill-uffiċċju parrokkjali.

## Adorazzjoni tal-Ewwel Ħamis tax-Xahar
Il-Ħamis 7 ta' Settembru 2017 ġejna mistiedna bħala parroċċa biex nanimaw quddiesa u adorazzjoni għall-bżonnijiet tas-seminaristi bejn id-9:30am u l-11:00am fis-Seminarju tal-Arċisqof ir-Rabat. Inħeġġukom sabiex nattendu u min jixtieq jitla' magħna bit-trasport jikteb ismu fis-sagristija sa nhar it-Tlieta. Tluq minn quddiem Sala Sant'Anna fit-8:30am.

## Sagrament taż-Żwieġ Nisrani
Il-Ħamis 7 ta' Settembru 2017 fil-6:30pm Quddiesa bis-Sagrament taż-Żwieġ Nisrani.

**Festa ta' Marija Bambina**

Il-Ġimgħa 8 ta' Settembru 2017 il-Knisja tiċċelebra t-Twelied tal-Verġni Marija, festa ta' devozzjoni marbuta ħafna mal-istorja ta' pajjiżna. Għalkemm ma hemmx obbligu tal-Quddies, jixraq ħafna li nagħtu ġieħ lil Ommna Marija billi nieħdu sehem fil-Quddiesa li jkun bħal ta' fost il-ġimgħa. Fit-8:30am tibda quddiesa tal-festa fil-Knisja tal-Madonna tad-Dawl, il-Bidni.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 9 ta' Settembru 2017 fil-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti.

**Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna**

Dawk il- ġenituri tat-tfal ta' Year 1 li se jibagħtuhom Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna għandhom iġibu t-tfal nhar l-Erbgħa, 4 ta' Ottubru fil-5.00.pm. u nirreġistrawhom dak il-ħin.

**Katekiżmu fiċ-Ċentru tal-Munxar**

Ir-reġistrazzjoni tat-tfal tal-Year 1 u Year 2 li jattendu fiċ-Ċentru tal-Munxar ser issir bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2017 mill-5:30pm sas-6:30pm.

**Katekiżmu fiċ-Ċentru tal-MUSEUM**

Iċ-ċentru tal-Museum ser jilqa' reġistrazzjonijiet tat-tfal li twieldu fis-sena 2011 u li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fis-sena 2018. Il-ġenituri jistgħu jiktbuhom il-Museum stess minn nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru 'l quddiem mill-5:30pm sas-7:30pm barra nhar ta' Erbgħa. Tinsewx tieħdu magħkom iċ-ċertifikat tal-magħmudija tat-tfal li tistgħu tiġbruh mill-Uffiċċju Parrokkjali ta' fejn huma mgħammda t-tfal.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha nteressati li jieħdu t-tilqima tal-influwenza u għandhom minn 55 sena 'l fuq huma mitluba li jgħaddu d-dettalji tagħhom fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali sa nhar is-Sibt 9 ta' Settembru 2017.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn il-31 ta' Jannar 2018 u d-9 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm aktar 'il quddiem.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Settembru 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.